# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 24 ta' April, 2001 .

### Citazzjoni numru : 9/01G1(PC)

**Regina Farrugia .**

vs

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi l-att tat-twelid taghha, liema att tat-twelid igib in-numru ta' mija tlieta u sebghin (173) tas-sena elf disa' mija u erbghin (1940), hawn esebit u markat bhala Dokument "A" huwa zbaljat fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Il-Hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" u dana peress illi hija twieldet fl-erbgha (4) ta' Frar 1940 u mhux fl-erbgha (4) ta' Jannar 1940 ;**

**Illi l-attrici trid tipprocedi biex tikkorregi l-att tat-twelid taghha hawn fuq imsemmi .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

1. **Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid hawn fuq imsemmi (173/1940) u dana peress illi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" tigi kancellata d-data erbgha (4) ta' Jannar 1940 u minflok tidhol id-data erbgha (4) ta' Frar, 1940 .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha kkonfermata skond il-ligi .**

**Rat ic-certifikati annessi bhala dokument "A" u "B" .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li ppremetta :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba . Salv li jkunu l-ahjar u ammissibbli skond il-ligi .**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament minn Nutara Dr. Mary Debono Borg skond il-ligi .**

**Semghet lill-attrici tikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni .**

**Il-Qorti, ghal hekk u peress li jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u**

1. **Tordna korrezzjoni tal-att tat-twelid hawn fuq imsemmi numru mija tlieta u sebghin tas-sena elf disgha mija u erbghin (173/1940) billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" tigi kancellata d-data erbgha (4) ta' Jannar 1940 u minflok tidhol id-data erbgha (4) ta' Frar, 1940 .**

**In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S901Pc
353